A.L. 50 ta' l-1994

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ordni ta' l-1994 dwar il-Qsim ta' Sezzjonijiet fil-Qorti ta' l-Appell

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-President ta' Malta għamel din l-ordni li ġejja:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Din l-Ordni tista' tissejjaħ l-Ordni ta' l-1994 dwar il-Qsim ta' Sezzjonijiet fil-Qorti ta' l-Appell, u għandha tibda sseħħ fid-29 ta' April, 1994.

Jitwaqqfu żewġ Sezzjonijiet fil-Qorti ta' l-Appell.

2. L-għadd ta' Sezzjonijiet fil-Qorti ta' l-Appell ikun ta' tnejn. Dawn is-Sezzjonijiet għandhom jissejjħu rispettivament bħala l-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) u l-Qorti ta' l-Appell (It-Tieni Sezzjoni).

Kawżi pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni.

3. (1) Dawk il-kawżi u proċedimenti oħra li kienu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u li kienu ġew imqegħda fuq il-lista għas-smiegħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni għandhom, kemm-il darba ma jiġix provdut mod ieħor fir-regoli li għandhom isiru bis-saħħa ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 41 ta' l-imsemmi Kodiċi, jiġu trattati mill-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni).

(2) Kemm-il darba ma jiġix provdut mod ieħor fir-regoli msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-artikolu ta' din l-Ordni, u sakemm ma jsirux arranġamenti oħra dwar dan, il-kawżi pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni u li ġew assenjati b'mod speċjali lil Imħallfin li kienu ġew surrogati biex joqogħdu f'dik il-qorti, għandhom jibqgħu hekk assenjati daqslikieku dawk l-Imħallfin kienu ġew surrogati biex joqogħdu fil-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni).

Astensjoni jew rikuża ta' mħallef f'xi Sezzjoni.

4. (1) Meta xi wieħed mill-imħallfin l-oħra minbarra l-Prim Imħallef, li joqogħdu fil-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) jew fil-Qorti ta' l-Appell (It-Tieni Sezzjoni) skond il-każ, jastjeni jew inkella jiġi rikużat u jaċċetta dik ir-rikuża, dik il-kawża fejn tkun saret dik l-astensjoni jew rikuża għandha tinstama mill-Qorti ta' l-Appell (It-Tieni Sezzjoni) jew mill-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) rispettivament.

(2) Meta l-Prim Imħallef jiġi rikużat f'kawża li tkun qegħda tinstama quddiem il-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni), u r-rikuża tiġi aċċettata, jew huwa jastjeni, l-iktar imħallef anzjan (minbarra l-Prim Imħallef) li jkun joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell (It-Tieni Sezzjoni)

għandu bis-saħħa ta' dan il-paragrafu jiġi surrogat minflok il-Prim Imħallef fil-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) sabiex jisma dik il-kawża.

(3) Meta l-Prim Imħallef jiġi rikużat f'kawża li tkun qegħda tinstama quddiem il-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni), u r-rikuża tiġi aċċettata, jew huwa jastjeni, l-iktar imħallef anzjan (minbarra l-Prim Imħallef) li jkun joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) għandu bis-saħħa ta' dan il-paragrafu jiġi surrogat minflok il-Prim Imħallef fil-Qorti ta' l-Appell (It-Tieni Sezzjoni) sabiex jisma dik il-kawża.

(4) Meta minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) sa (3) ta' dan l-artikolu il-kawża ma tkun tista' tinstama minn ebda waħda miż-żewġ Sezzjonijiet, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom ikunu japplikaw.